**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 329/2018 PM1**

**Vivendo Retail Limited gja Krea (Malta) Limited (C30172)**

**Vs**

**Brian Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tmintax (18) ta' Lulju, elfejn u tmintax (2018) illi permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess attrici s-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u ghoxrin euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€1624.25) rapprezentanti prezz ta' merkanzija konsistenti f'*appliances* mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenut; bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Settembru, 2017 u bl-imghax legali mis-26 ta' Jannar, 2017 data tal-fattura relattiva sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra l-istatement anness mal-istess avviz tat-talba (Dok. 'A' a fol. 2 tal-process).

Ra li mill-atti jirrizulta li, ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher fis-seduta tat-18 ta' Frar, 2019 u lanqas fis-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attrici fis-seduta tat-18 ta' Frar, 2019 u fil-fatt il-konvenut ma deherx sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta, apparti li s-somma mitluba tirrizulta pruvata wkoll mill-i*statement* ezebit, salv illi l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza stante li ma jirrizultax li d-debitu huwa wiehed ta' natura kummercjali. L-ispejjez tal-ittra legali interpellatorja ma gewx determinati u kwindi t-Tribunal m'huwiex f'posizzjoni li jillikwida l-istess u jikkundanna lill-konvenut ihallashom. Ghall-bqija t-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata sakemm konformi mas-surreferit, it-Tribunal qieghed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elf, sitt mija u erbgha u ghoxrin euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€1624.25) rapprezentanti prezz ta' *appliances* mibjughin u kkonsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenut bl-ispejjez tal-prezenti, eskluzi dawk tal-ittra legali interpellatorja, u bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**